# "IBZGHU GHALL-ILMA"

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Minn żmien għall-ieħor, minħabba n-nuqqas ta' muntanji, Malta qatt ma kellha x-xorti tgawdi minn abbundanza ta' ilma tax-xita. Anzi f'ħafna snin hija ħasset sewwa n-nuqqas tal-ilma, li hu tant meħtieġ għat-tisqija tar-raba', għax-xorb tan-nies u tal-bhejjem u għall-indafa ta' dawk li jgħammru fiha. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, dan in-nuqqas jidher fatali. Iżda kemm hu aħjar li jkollok nuqqas ta' ilma tax-xita, li b'xi mod tista' tpatti għalih, jew iġġibu b'xi mod ieħor, milli tbati mill-għargħar li ta' spiss nisimgħu li jsiru bnadi oħra, fejn popolazzjoni tisfa bla djaru bla għamara u b'għelieqi mgħarrqin fl-ilma u żergħa mifquħ. Il-ħwejjeġ aħjar inħarsu lejhom b'għajn ottimista milli b'għajn pessimista!**

Ma rridx ngħid b'hekk li għandna nibqgħu b'idejna fuq żaqqna u ma naħsbux biex nipprovdu mezzi ħalli kemm jista' jkun l-ilma li neħtieġu ma jonqosniex.

### FI ZMIEN IL-KAVALLIERI

Matul iż-żmenijiet, il-Mexxejja ta' Malta, ftit jew wisq, ħasbu biex itaffu dan in-nuqqas. Nafu, per eżempju, li, meta bdiet tinbena il-Belt Valletta, il-Kavallieri ordnaw li f'kull dar li tinbena kellu jitħaffer bir ħalli jilqa' l-ilma tax-xita, biex iservi għall-konsum tal-familja li tgħammar fiha.

Nafu wkoll li, fl-1621. il-Grammastru Alof de Wignacourt bi spiża kbira ta' 70,000 skud (£M5,833), li għal dak iż-żmien kienet somma l-aktar kbira, għadda l-akkwedott magħruf b'ismu, biex mill-inħawi tal-Imdina jwassal l-ilma sal-Belt Valletta. Għal dik il-biċċa xogħol il-Grammastru ħareġ kważi nofs is-somma minn butu. Mhux ta' b'xejn mela jġib ismu. Dan l-akkwedott illum iservi biex iwassal l-ilma għat-tisqija u sar oġġett ta' nteress storiku u turistiku. Imma fuq hekk ġa tħadditna f'artikolu ieħor. Illum inkellimkom dwar il-provvisti ta' ilma li saru fi żmien l-Ingliżi, biex tittaffa xi ftit din il-waħda mill-kriżijiet kbar ta' Gżiritna, kriżi li għadha tinħass sal-lum.

Għadha tinħass sallum għaliex barra milli għat-tisqija ta' l-għelieqi, tinħass il-ħtieġa akbar tal-ilma minħabba l-użu iżjed frekwenti tiegħu għal-indafa tan-nies u tad-djar tagħna, li, nieħdu gost ngħidu, illum kibret ħafna, u minħabba l-konsum kbir li jsir fil-fabbriki u fil-lukandi.

U wieħed għandu jifhimha li, filwaqt li m'għandux ikun hawn ħala ta' ilma, m'għandniex anqas inħallu neqsin mill-ilma lill-fabbriki u l-lukandi tagħna. Għaliex bil-fabbriki tikber l-industrija Maltija u bil-kumditajiet fil-lukandi niġbdu lit-turisti. Ma tridx, biex tfaddal ċentezmu, titlef għaxra.

Kif kienu ġa ħassewha l-Kavallieri, hekk ukoll ħassewha l-Ingliżi din il-kriżi ta' l-ilma f'pajjiżna. Gie li f'xi snin ix-xita ma laħqetx l-10 pulzieri (illum ngħidu 250 millimetri).

### RAPPORTI TA' ESPERTI

Fl-1843, Mr. Scamp, id-Direttur Deputat tax-Xogħlijiet tal-Ammiraljat, għamel rapport dwar in-nuqqas ta' ilma fil-Gżira, iżda ma ttieħdu l-ebda passi. Għaddew is-snin, u l-ilma baqa' nieqes. Kien fl-1867, li l-Gvernatur il-ġdid Sir Patrick Grant li sab ma' wiċċu din il-problema, speċjalment meta, wara l-epidemja tal-kolera, in-nies bdiet tfittex aktar l-indafa.

Fil-bidu ta' dik is-sena, Mr. Bateman, Inġinier tal-Ilma, intbagħat minn Londra b'istruzzjonijiet mid-Duka ta' Buckingham biex jistudja l-kwestjoni ta' l-ilma u biex jissuġġerixxi xi mezzi ħalli jikbru l-provvisti. F'April, Mr. Charles Andrews għamel xi suġġerimenti għal dan il-għan u l-kumpannija Ngliża Messrs Fawcett and Co. wkoll avviċinat lill-Gvern fuq hekk.

Mr. Bateman ippreżenta r-rapport fil-11 ta' Mejju u fih issuġġerixxa li jitħaffru bjar "shafts" li jinżlu sal-livell tal-baħar, għaliex hu kien tal-fehma li wieħed jista' jiġbed iżjed ilma mill-b'at fond milli miċ-ċisterni "reservoirs" fil-wiċċ, għax il-blata maltija, sostna hu hi poruża, u għalhekk l-ilma maħżun fiha kien jista' jintilef maż-żmien.

Hu ssuġġerixxa għalhekk li jitħaffer bir kbir fin-naħa tal-majjistral ta' Ħal-Qormi mil u nofs 'il bogħod mill-baħar u mil u nofs 'il bogħod mill-akkwedott ta' Wignacourt f'H'Attard, u "pumping station" biex jiġbed l-ilma. Kollox kellu jqum £14,000 għall-esekuzzjoni tax-xogħol u £1,200 fis-sena biex il-proġett jitħaddem.

Bdiet ukoll tfittxija għall-ilma fl-art għolja lil 'l hemm mill-Imdina u fl-art baxxa fil-Punent tal-Marsa. Inġabu "condensers" jew desalinaturi mill-Ingilterra biex jiddistillaw u jippurifikaw l-ilma tal-baħar. It-tankijiet qodma ta' żmien il-Kavallieri ssewwew u tnaddfu. F'sentejn tħaffru 110 "shafts" fondi 110 pied fil-Punent tal-Imdina li ġew ikkumnikati ma' "tunnels".

B'dan il-mod intrebħu mal-250,000 gallun ilma kuljum iżjed milli kien hemm qabel. Mix-"shafts" tal-Marsa bdew jinġibdu kuljum 432,480 gallun ta' ilma ftit mielaħ, iżda tajjeb għax-xorb.

### IL-GVERNATUR SIMMONS

Il-Gvernatur Sir J.A. Lintorn Simmons reġa' ffronta l-problema ta' l-ilma, flimkien ma' dik tad-drenaġġ u ta' l-istat iġjeniku tal-Gżira.

Huwa laqqgħa kumitat tal-Kunsill biex jieħu ħsieb tal-provista ta' l-ilma. Fl-14 ta' Jannar 1885, dawn irċevew skema fuq hekk ippreżentata minn Sir Osbert Chadwick. Fiha dak l-Inġinier Idrawliku ssuġġerixxa t-tiswir ta' għadajjar artifiċjali ħdejn l-Imtarfa għall-konservazzjoni ta' l-ilma tax-xita li kien igħaddi fihom minn Wied il-Klin. Il-proġett ġie approvat. Il-livell tal-art immsemmija ġie aġġustat b'mod li eluf ta' galluni ta' ilma tax-xita jinġabru fihom flok li jinħlew fil-baħar. Dawn huma l-magħrufin minna "Chadwick Lakes".

L-istess Gvernatur, fit-12 ta' Lulju 1886, ħareġ Ordinanza dwar il-provvista u l-użu ta' l-ilma. Fiha wera s-setgħa tiegħu dwar iż-żmien, il-mod, il-qjies u l-prezz kif jiġi mqassam u kkumnikat l-ilma.

Wera wkoll is-setgħat mogħtijin lid-Dipartiment tal-Ilma biex jieħu ħsieb li ma jsirx ħela ta' ilma, u, fl-istess, ħin id-dmir li jirrapportalu l-abbużi.

Ordna wkoll li jingħata b'xejn lil kull kap tad-dar tant ilma kemm jinħtieġ għal l-użijiet domestiċi (b'kalkolu ta' 3 galluni kuljum kull ras), u bi prezz ta' 3d (1c3) għal kull 1,000 gallun iżjed. Lukandi, każini, imtieħen, fran u fabbriki kellhom iħallsu rati miftehma li ma kienux jiskorru t-tmintax irbigħi (12c5) kull 1,000 gallun.

Kull sid seta' jħaffer bir, jew jagħmel gandotti tal-ilma, jew itejjeb b'xi mod il-provvista tiegħu.

L-Ordinanza fl-aħħarnett heddedt ukoll pieni kontra dawk li bi traskuraġni ma jirrappurtawx il-ħsarat u l-ħtieġa ta' tiswijiet fis-sistema idrawlika u għalhekk jinħela l-ilma, kontra dawk li jħammġu jew iniġġsu l-ilma, jew jaħslu l-bhejjem b'erba' saqajn fl-ilma tax-xorb u kontra dawk li illegalment jieħdu l-ilma mill-għejjun.

Illum, kif ġa għidna, għandna l-istess problema ta' l-ilma. Din is-sena għad għandna biss 364 mm. (14-il pulzier). Għadna lura għal dak li hu meħtieġ. Għalhekk ġa bdejna nisimgħu: "Ibżgħu għall-ilma".